

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Proċeduri Tal-qorti](#) > [Videjkonferenzi](#) > [Deskrizzjoni ta' linja ta' politika ġenerali](#)

## Deskrizzjoni ta' linja ta' politika ġenerali

It-teknoloġiji l-ġodda jisfidaw il-metodi tradizzjonali ta' kif wieħed jikkonduċi/imexxi proċedimenti fil-qorti. It-teknoloġiji l-ġodda jipprovdu wkoll għodda sabiex itejbu l-effiċjenza, il-flessibilità u l-konvenjenza għal dawk kollha involuti - il-qrati, il-partijiet għall-proċedimenti u anki x-xhieda.

### Vidjokonferenza – għal min u għaliex?

Vidjokonferenza hi għodda li għandha potenzjal kbir fil-kuntest tal-UE u tas-27 Stati Membri tagħha.

Bosta Stati Membri għandhom esperjenza fil-prattika fl-organizzazzjoni ta' vidjokonferenzi bejn awtoritajiet f'reġjuni differenti tal-istess pajjiż jew ma' pajjiżi oħra.

Fil-qafas tal-e-justice Ewropea, l-Istati Membri tal-UE ftehm sabiex jaħdmu flimkien biex jipromwovu l-użu ta' vidjokonferenza u sabiex jiskambjaw esperjenzi u l-aħjar Prattiki. Xogħol bħal dan isir fil-qafas legali eżistenti u jirrispetta s-salvagwardji proċedurali li jeżistu fuq livell ta' Stat Membru u tal-UE.

F'każijiet transkonfinali komunikazzjoni bejn awtoritajiet ġudizzjarji ta' Stati Membri differenti hi kruċjali. Vidjokonferenza hi metodu wieħed possibbli sabiex komunikazzjoni bħal din tiġi ssimplifikata u inkoraġġita.

L-użu ta' tagħmir ta' vidjokonferenza jipprovdi lill-qrati b'aktar flessibilità ta' meta u kif xhieda jew esperti minn Stati Membri oħra huma meħtieġa li jagħtu evidenza.

- Mil-lat ta' xhud jew expert, ikun aktar konvenjenti li tingħata evidenza mingħajr il-bżonn li wieħed ikollu jsiefer
- Għal xhieda vulnerabbli jew li jħossuhom intimidati, il-vidjokonferenza tnaqqas mill-istress li wieħed ikollu meta jkun f'awla ta' qorti mimlija nies
- Interpretazzjoni tista' tiġi provduta b'vidjokonferenza, fejn meħtieġ
- Vidjokonferenza tnaqqas ukoll l-ispejjeż għal kull min hu involut.

### Il-qafas leġiżlattiv

Hemm diversi possibilitajiet għall-organizzazzjoni ta' vidjokonferenzi transkonfinali taħt il-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari għat-tmexxija ta' smiġħ ta' xhieda, esperti jew vittmi permezz ta' vidjokonferenza, skont l-istrumenti legali bħal:

- [Il-Konvenzjoni dwar l-Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali](#) bejn l-Istati Membri fl-Unjoni Ewropea (l-Artikolu 10)
- Ir-Regolament tal-Kunsill dwar kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni [\[ġbir\] ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali](#) (l-Artikoli 10(4) u 17(4))
- Id-Direttiva tal-Kunsill li għandha x'taqsam ma' [kumpens għal vittmi ta' delitti](#) (l-Artikolu 9(1))
- Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi [Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar](#) (l-Artikoli 8 u 9(1))
- Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill dwar id-[drittijiet tal-vittmi fil-proċeduri kriminali](#) (l-Artikolu 11(1))
- Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti [aspetti ta' medjazzjoni](#) f'materji ċivili u kummerċjali.

Deskrizzjoni fil-qosor tal-qafas legali hu provdut fil-fuljett mehmuż – aktar informazzjoni dettaljata tinsab fil-[manwal](#).

## Pjanijiet għal quddiem

L-Istati Membri qablu li xogħol fuq il-faċilitazzjoni tal-vidjokonferenza għandu jitkompla. Fil-futur, fejn hu xieraq, għodda oħra għandhom jitpoġġew fil-Portal Ewropew tal-Ġustizzja elettronika għal dak il-għan. B'mod partikolari, pjanijiet futuri jistgħu jinkludu:

- links għal-leġiżlazzjoni tal-UE u leġiżlazzjoni tal-Istati Membri li jirregolaw l-użu tal-vidjokonferenzi;
- informazzjoni kkonsolidata dwar il-qradi kollha b'faċilitazzjonijiet ta' vidjokonferenzi fl-Istati Membri;
- għodod għall-arranġament prattiku ta' vidjokonferenzi (formoli elettroniċi, possibilment sistema ta' ibbukkar fuq terminu itwal ta' żmien);
- links għall-istruzzjonijiet nazzjonali jew manwali, fejn disponibbli;
- taqsima dwar eżempji ta' vidjokonferenzi fi proċedimenti transkonfinali u kollezzjoni tal-aħjar prattiċi;
- informazzjoni dwar taħriġ u moduli ta' taħriġ onlajn;
- link għall-bażijiet tad-dejta interkonnessi tal-interpreti.

### Dokumenti relatati

[Fuljett](#)  (3083 Kb) 

---

■ L-aħħar aġġornament: 17/11/2021

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.